**Preżentazzjoni dwar il-ħidma tal-PPCD u l-irwol tagħha fejn jidħlu l-fondi tal-UE.**

Il-PPCD, li twaqqaf fl-2001, jimplimenta l-politika ta' koeżjoni tal-UE f'Malta. Is-Sinjura Bonnici spjegat li din id-diviżjoni hija responsabbli minn persentaġġ għoli tal-fondi li ġejjin mill-UE u mill-amministrazzjoni tal-proġetti li jibbenefikaw minn fondi tal-UE. Huwa wkoll ir-responsabbiltà tal-PPCD li jikoordina l-pożizzjoni ta' Malta fejn tidħol il-politika ta' koeżjoni u l-laqgħat li jsiru fuq dan is-suġġett mal-Ministeri. Spjegat fid-dettall kif il-programmi li jiġu amministrati ġew implimentati u reveduti minn meta Malta saret membru tal-UE fl-2004.

Dawn jinkludu l-fondi strutturali 2004-2006, il-fond ta' koeżjoni 2004-2006 u dawk ta' bejn l-2007-2013, is-sitt programmi tal-INTERREG (2004-2006), l-EQUAL 2004-2006 u s-sitt programmi tal-*European Territorial Co-Operation*. Hemm ukoll il-*European Globalisation Fund* u s-*Solidarity Fund* li jintużaw biss meta l-pajjiż jintlaqat minn xi diżastru naturali. Semmiet kif, minħabba l-kriżi ekonomika, Malta waslet fi qbil mal-UE biex l-infiq tal-fondi strutturali 2004-2006 jiġi estiż sa Ġunju 2009. Mill-2001, il-PPCD amministra 'l fuq minn 1.3 biljun Euro. Is-Sinjura Bonnici kompliet tispjega l-ħidma ta' kuljum tal-PPCD fl-immaniġġjar ta' fondi, il-proċedura li tittieħed biex jintgħażlu l-proġetti, x'isir meta jintgħażlu proġetti eliġibbli, l-irwol tal- *management authority* li tinħatar biex tagħmel analiżi jekk proġett għandux jintgħażel jew le, u kif issir is-sistema ta' monitoraġġ mill-PPCD ta' dawk il-proġetti li jkunu ntgħażlu.

Is-Sinjura Bonnici kkonkludiet il-preżentazzjoni billi qalet li l-PPCD diġà qiegħda taħdem fuq il-programmi ta' fondi wara l-2014.

Xi interventi li saru min-naħa tal-membri tal-*Core Group* kienu dwar informazzjoni li tingħata lill-entitajiet mhux governattivi li jixtiequ jibbenefikaw minn għajnuna ta' fondi mill-UE, dwar kif il-fondi allokati għal Malta qed jiġu assorbiti, kif ukoll dwar it-*time frames* ta' proġetti li jkunu ntgħażlu biex jibbenefikaw minn dawn il-fondi.

**Il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE ghat-18 –il xahar li jmiss**

Matul il-preżentazzjoni tiegħu, is-Sur Joseph Fenech tkellem dwar il-programm ta' 18–il xahar li ġie ppreżentat mit-tlett pajjiżi membri li se jkunu qegħdin jokkupaw il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għas-sena u nofs li ġejjin. Huwa qal li dan il-programm huwa l-ewwel wieħed li sar minn tlett Presidenzi flimkien minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009. Is-Sur Fenech daħal fid-dettall fuq il-prijoritajiet li se jkunu qegħdin jaħdmu fuqhom Spanja, il-Belġju u l-Ungerija biex jimxu b'mod kollettiv u b'determinazzjoni.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin li ssemmew fil-preżentazzjoni kien li l-UE għandha tersaq iktar qrib lejn iċ-ċittadin u għandhom jiġu promossi politiċi mmirati li minnhom jibbenefikaw direttament iċ-ċittadini. Fil-preżentazzjoni, is-Sur Fenech spjega kif il-Gvern diġà ħa numru ta' inizjattivi elenkati f'dan il-Programm, u jħares 'il quddiem lejn is-sehem attiv tiegħu fid-diskussjonijiet fuq it-temi msemmija. Issemmew numru ta' punti ta' kif se jiġu koperti s-setturi differenti skont il-Programm. Fost punti oħra huwa żied jgħid li l-Gvern jappoġġja l-

isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-ħidma tas-*Simplification Task Force* u jaqbel li x-xogħol li sar fl-2009 f'dan il-qasam għandu jitkompla anke fid-dawl tad-diskussjonijiet dwar kif għandu jkun il-qafas regolatorju wara l-2013.

Preżenti għal-laqgħa tal-*Core Group*, li kienet preseduta mill-Onoreovoli Dott Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, kien hemm: Dott Vanni Xuereb, Kap tal-MEUSAC, Dott. Godwin Grima (Segretarju Permanenti Ewlieni), l-Ambaxxatur Richard Cachia Caruana (Rappreżentant Permanenti Malti għall-Unjoni Ewropea), is-Sinjorina Graziella Pullicino (A/Kap, Segretarjat UE fl-Uffiċju tal-Prim Ministru), Dott. Josette Grech (esperta), il-Perit Carmel Cacopardo (Alternattiva Demokratika), is-Sur Tonio Mercieca(Azzjoni Nazzjonali), is-Sur Arthur Rossi (*Confederation of Malta Trade Unions*), is-Sinjorina Abigail Mamo (*General Retailers and Traders Union*), is-Sur Tony Zarb (*General Workers Union*), is-Sur Joe Grech (*Gozo Business Chamber*), Dott. Paul De Battista (*Malta Employers'* Association), Dott. Joe Mifsud (Partit Laburista), l-Onor. Dott. Francis Zammit Dimech (Partit Nazzjonalista), is-sur Jesmond Bonello (*Union Ħaddiema Magħqudin*), is-sinjura Grace Attard, is-Sur Benjamin Rizzo, is-Sur Julian Zarb (rappreżentanti tas-soċjeta' ċivili), Dott. Diane Farrugia (Kap tal-Konsultazzjoni fil-MEUSAC u Segretarju), is-Sinjorina Maria Schembri (Kap tat-Taqsima għall-Assistenza dwar Fondi tal-UE fil-MEUSAC), is-Sur Osavlido Zammit (responsabbli mill-Informazzjoni dwar il-Programmi ta' Fondi tal-UE fil-MEUSAC), kif ukoll xi membri sostituti u membri tal-istaff tal-MEUSAC.